MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Avviz Numru. 128/2004

**Primrose Poultry Products Limited**

**vs**

**Emanuel Schembri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tlett mija u tmienja u sebghin Lira Maltin u sittax-il centezmu (LM3,378.16) liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' flieles lilu mibjugha u kkonsenjati;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru Numru 340/04, tat-23 ta' Frar tas-sena 2004, u tal-mandat ta' qbid li qed jigi ntavolat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-13 ta' April tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------